MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 33/2011

**Terezina mart Alex Cassar fil-kwalita' taghha ta' mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmela sive Carmen Xerri u Carmel sive Charlie Xerri kif debitament awtorizzata, u b'nota tat-23 ta' Gunju 2011 Carmel sive Charlie Xerri u Carmela Xerri assumew l-atti tal-kawza peress illi fil-prezent qeghdin f'dawn il-gzejjer**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex u Terezina Cassar fil-kwalita' taghha ta' mandatarja ta' l-imsefrin Joseph Xerri u James Xerri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat prezentat mir-rikorrenti li permezz tieghu qeghdin jitolbu korrezzjoni fl-att tat-twelid taghhom, fic-certifikat taz-zwieg taghhom kif ukoll fic-certifikati tat-

twelid ta’ wliedhom. Dan peress li ppremettew li ghalkemm fuq ic-certifikat tat-twelid isimhom huwa Carmela u Carmelo dan huwa zbaljat. Dan fis-sens li sa minn tfulithom huma dejjem kienu maghrufa bhala Carmen u Charlie kemm mill-familja taghha, kemm mill-iskola u crieki socjali li fihom kienu involuti u peress illi anke fl-Awstralja fejn ighixu l-attrici huma wkoll maghrufa bhala Carmen u Charlie u bl-isem Carmela u Carmelo fuq ic-certifikat tat-twelid taghhom joholqilhom problemi anke ma’ l-awtoritajiet fl-Awstralja.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u d-diversi eccezzjonijiet imressqa minnu, partikolarment li l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet gew sorvolati bir-rikors prezentat mir-rikorrenti ghal korrezzjoni liema talba ntlaqghet minn din il-qorti fis-16 ta’ Settembru 2011.

Rat li fil-mertu l-konvenut mhux qieghed joggezzjona li jinbidel l-isem tar-rikorrenti minn dak registrat ghall-isem li bih huma komunement maghrufa l-istess rikorrenti.

Rat li Terezina Cassar din id-darba fil-kwalita’ taghha ta’ mandatarja ta’ l-imsefrin Joseph Xerri u James Xerri prezentat rikors fejn l-ulied tar-rikorrenti talbu li jintervjenu in statu et terminis fl-atti ta’ din il-kawza u iddikjaraw li mhumiex qed joggezzjoanw ghat-talbiet imressqa mill-genituri taghhom.

Rat li din il-qorti laqghet it-talba taghhom biex jintervjenu in statu et terminus.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li l-qorti rat l-affidavits prezentati mir-rikorrenti kif ukoll id-dokumenti prezentati tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati. Infatti rrizulta mill-passaport tar-rikorrenti, mil-licenzja tas-sewqan kif ukoll mill-cards bankarji li r-rikorrenti huma verament maghrufin bl-ismijiet ta’ Carmen

Xerri u Charlie Xerri u dan ilhom maghrufin hekk bhala tali.

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huma imputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u dan billi :

1. tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru mija u sittin tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (160/1949) relattiv ghat-twelid ta' l-attrici Carmela sive Carmen Xerri huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi ta' l-att tat-twelid numru mija u sittin tas-sena elf disa' mija u disgha u erbghin (160/1949) relattiv ghat-twelid ta' l-attrici billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem Carmela, dan ghandu jigi sostitwit u mibdul bl-isem Carmen;

3. tiddikjara l-att tat-twelid numru hames mija u hamsa u ghoxrin ta' l-elf disa' mija sitta u erbghin (525/1946) relattiv ghat-twelid ta' l-attur Carmel sive Charlie Xerri huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

4. tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru hames mija u hamsa u ghoxrin tas-sena elf disa' mija sitta u erbghin (525/1946) relattiv ghat-twelid ta' l-attur billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem Carmel dan jigi sostitwit u mibdul bl-isem Charlie;

5. tiddikjara illi l-att taz-zwieg registrat fir-registru pubbliku ghal Ghawdex bin-numru mija u tmienja u erbghin ta' l-elf disa' mija u hamsa u sittin (148/1965) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

6. tordna illi l-att taz-zwieg registrat fir-registru pubbliku ghal Ghawdex bin-numru mija u tmienja u erbghin ta' l-elf disa' mija u hamsa u sittin (148/1965) ghandu jigi kkoregut billi kull fejn fuqu isem ir-ragel huwa indikat bhala Carmelo dan ghandu jinbidel ghal Charlie u

kull fejn isem il-mara huwa indikat bhala Carmela dan ghandu jinbidel ghal Carmen;

7. tiddikjara illi l-att ta' twelid relattiv ghal iben l-atturi Joseph u li jinsab registrat fir-registru pubbliku ghal Ghawdex bin-numru mitejn u sitta u hamsin ta' l-elf disa' mija u wiehed u sebghin (256/1971) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

8. tordna illi l-att ta' twelid relattiv ghal iben l-atturi Joseph u li jinsab registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru mitejn u sitta u hamsin ta' l-elf disa' mija u wiehed u sebghin (256/1971) ghandu jigi kkoregut billi kull fejn isem l-attur bhala missier it-tarbija huwa indikat bhala 'Carmel' ghandu jkun mibdul ghal 'Charlie', u billi kull fejn isem l-attrici bhala omm it-tarbija huwa indikat bhala 'Carmela' dan ghandu jkun mibdul ghal 'Carmen';

9. tiddikjara illi l-att ta' twelid relattiv ghal iben l-atturi James u li jinsab registrat fir-registru pubbliku ghal Ghawdex bin-numru tlieta u erbghin ta' l-elf disa' mija u disgha u sebghin (43/1979) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

10. tordna illi l-att ta' twelid relattiv ghal iben l-atturi James u li jinsab registrat fir-registru pubbliku ghal Ghawdex bin-numru tlieta u erbghin ta' l-elf disa' mija u disgha u sebghin (43/1979) ghandu jigi kkoregut billi kull fejn isem l-attur bhala missier it-tarbija huwa indikat bhala 'Carmel' ghandu jkun mibdul ghal 'Charlie', u billi kull fejn isem l-attrici bhala omm it-tarbija huwa indikat bhala 'Carmela' dan ghandu jkun mibdul ghal 'Carmen'.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------